MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 414/2007/1

**Michael u Angelo ahwa Fenech**

**v.**

**John Licari u ghal kull interess martu Angiolina Attard**

**kif ukoll John u Rita konjugi Farrugia**

Il-Qorti:

Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut John Licari mis-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Novembru 2013, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tichad it-talbiet kollha attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti kompriz l-appellanti.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

“Il-Qorti,

“**A. RIKORS:**

“Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

“1. Illi l-atturi huma propjietarji ta’ bicca art porzjoni raba’ konsistenti ukoll f’xaghri u bla f’Wied il-ghajn limiti ta’ Haz-Zabbar fil-kuntrada taz-Zonqor ossia ta’ Wied il-Ghajn imsejhin Ta’ Lanti, f’Zabbar Road illum Triq San Gwakkin Marsascala ta’ circa erbgha u tletin tomna li giet akkwistata minn missier l-atturi b’kuntratt tas-27 ta’ Ottubru, 1948 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza annessa mar-rikors u mmarkata bhala dokument MAF 1;

“2. Illi l-atturi ghixu, kibru u dejjem kellhom il-pussess u t-tgawdija minn din ix-xaghri u mill-proprjeta` kollha taghhom mis-sena 1948 sal-lum il-gurnata, u dan minn meta missier l-atturi xtara din l-art mill-eredi ta’ Antonio Cuschieri, kif jirrizulta mill-istess kuntratt anness mar-rikors bhala dokument MAF 1;

“3. Illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond bin-numru wiehed (1) Triq Santa Tereza Marsascala, liema fond l-istess konvenuti akkwistawh minghand zijuh Victor Licari ghan-nom ta’ Licari Estates Limited, u dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb tal-5 ta’ Settembru, 1996 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb liema kuntratt gie anness mar-rikors bhala dokument MAF 2;

“4. Illi l-kumpanija Licari Estates Limited, kienet xtrat din il-proprjeta` bin-numru wiehed (1) Triq Santa Tereza Marsascala fit-28 ta’ Mejju tas-sena 1977 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri li kopja ta’ l-istess kuntratt gie anness mar-rikors bhala dokument MAF 3;

“5. Illi bejn il-fond tal-konvenut u bejn ix-xaghri proprjeta` ta’ l-atturi, hemm dizlivell ta’ madwar ghaxar piedi u z-zewg fondi huma kontigwi billi l-appogg tal-fond tal-konvenut jigi jmiss max-xaghri proprjeta` ta’ l-atturi;

“6. Illi l-appogg tal-fond tal-konvenut li jmiss max-xaghri proprjeta` ta’ l-atturi, qatt ma kellu ebda tieqa u/jew apertura ghal fuq din l-art;

“7. Illi bejn is-17 u t-18 ta’ Marzu 2007, il-konvenut u/jew persuni mqabbdin minnu, nehha t-tieqa li kienet tinstab fl-ewwel sular fil-proprjeta` tieghu, bin-numru 1, Triq Santa Tereza, Marsascala, liema tieqa thares ghal gol-bitha proprjeta` ta’ John u Rita konjugi Farrugia, u fetah bieb minn fuq gewwa minflok tali tieqa, sabiex ikkostruwixxa pont tal-hadid li jaghti ghal fuq ix-xaghri proprjeta` ta’ l-atturi, u dan b’mod abuziv u llegali u minghajr il-kunsens ta’ l-istess atturi, u dan kif jidher ahjar fir-ritratt anness mar-rikors u mmarkat bhala dokument MAF 4, liema ritratt ittiehed mill-istess Michael Fenech fl-20 ta’ Marzu, 2007;

“8. Illi inoltre l-konvenuti u/jew persuni mqabbdin minnhom, bejn is-17 u t-18 ta’ Marzu 2007, tefghu molol ta’ sodod ghal fuq ix-xaghri proprjeta` ta’ l-atturi, u dan b’mod abuziv u llegali u minghajr il-kunsens ta’ l-atturi;

“9. Illi l-konvenuti gja gie kkundannat li kkommetta spoll, precedentement, billi kif jidher mill-istess ritratt dokument MAF 4, il-konvenut u/jew persuni mqabbdin minnu, kienu fethu bieb ghal fuq ix-xaghri, fejn jirrizulta llum li l-hajt tal-appogg huma mbarrat u maghluq;

“10. Illi ta’ dan il-kaz precedenti, il-konvenut gew ordnati jaghlqu tali bieb skond is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datat l-24 ta’ Settembru, 2004 fl-ismijiet **Michael u Angelo ahwa Fenech vs Licari Estates Limited, Victor Licari, Joseph u John Licari** li kopja taghha giet annessa mar-rikors bhala dokument MAF 5;

“11. Illi l-intimati gew interpellati b’ittra ufficcjali datata it- [*recte* 21] ta’ Marzu 2007 u dan sabiex inehhu tali pont, u jpoggu lura kollox kif kien qabel u jnehhu l-molol tas-sodod li tefghu ghal fuq ix-xaghri proprjeta` ta’ l-atturi, u dan kif jidher mill-vera kopja ta’ l-ittra ufficjali annessa mar-rikors u mmarkata dokument MAF 6;

“12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

“1. tiddikjara u tiddeciedi li l-azzjonijiet li saru mill-konvenuti u/jew minn persuni nkarigati minnhom, bejn is-17 u t-18 ta’ Marzu 2007, sabiex bnew il-pont tal-hadid, ghal fuq ix-xaghri propjeta’ ta’ l-atturi, huwa abbuziv u llegali, u jikkostitwixxi spoll a tenur tal-ligi;

“2. tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, minn din il-Qorti jergghu jqieghdu lill-atturi fl-istat ewlieni ta’ godiment ta’ dritt, ta’ pussess u ta’ uzu tal-proprjeta` taghhom fuq imsemmija u cjoe’ li jigu reintegrati fid-drittijiet taghhom li minnhom gew spoljati mill-konvenuti taht id-direzzjoni jekk hemm bzonn ta’ periti nominandi;

“3. In difett, tawtorizza lill-atturi biex jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali inkluz sabiex inehhu l-pont tal-hadid li jinsab jaqsam il-bitha proprjeta` ta’ John Farrugia, u li l-konvenuti gew ikkundannati jpoggu lura taht is-supervizjoni ta’ l-istess

Perit imqabbad mill-Qorti a spejjez tal-kovenuti, u dan *ai termini* tal-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ 21 ta’ Marzu 2007, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

“Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

“**B. RISPOSTA:**

“Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha esponew:

“1. Illi in liena preliminari hemm nieqsa l-elementi jew wiehed mill-elementi tal-kawza ta’ spoll kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. Illi linea preliminari wkoll ir-rikorrenti qatt ma kellhom il-pussess ta’ l-art in kwistjoni tant illi ma hemmx access mill-proprjeta` taghhom ghal din l-art u l-uniku access li kien hemm ghal din l-art kien mill-proprjeta` ta’ l-intimati Licari;

“3. Illi l-intimati konjugi Farrugia m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-istruttura mertu tal-kawza u kwindi fi kwalsijasi ezitu tal-kawza huma m’ghandhomx ibghatu l-ispejjez;

“4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-istruttura tal-hadid m’hijiex pont imma gallarija;

“5. Illi di piu’, attwalment hemm zewg kawzi petitorji citazzjoni numri 863/01 u 864/01 dwar il-proprjeta` ta’ l-art in kwistjoni u ghalhekk jehtieg li jkun hemm ezitu fuqhom;

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

"**C. PROVI:**

"Rat li fid-9 ta' Ottubru, 2007 gie nominat il-Perit Renato Laferla, li sussegwentement gie sostitwit mill-Perit Valerio Schembri fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2009.

"Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Valerio Schembri li fiha kkonkluda:

> "01 L-istruttura tal-hadid murija fuq Dok MSC 01 sa Dok MSC 05 mehudin mill-esponent in situ ma kinitx tezisti qabel il-vertenza odjerna. L-attur Michael Fenech u x-xhieda prodotti minnu Rosario Cachia, Carmelo Gauci u Josephine Camilleri jghidu li din saret wara l-ahhar ta' Frar 2007. Il-konvenut Licari fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-esponent jghid li l-istruttura in kwistjoni saret fil-bidu ta' Frar 2007 u jtella' jixhed lil John Camilleri (il-haddied li kien ghamel ix-xoghol a karigu ta' l-istess konvenut) li jikkonferma li thallas fil-pront wara li ghamel ix-xoghol u dan a bazi ta' l-ircevuta u fattura mahruga fit-03 ta' Frar 2007 esebiti Dok JL 220601 u Dok JL 220602. Jinghad ghaldaqstant illi saret lejn il-bidu ta' Frar 2007 jew l-ahhar tieghu jew Marzu 2007 din l-istruttura ma kenitx hemm qabel il-kwistjoni mertu tal-kawza.
>
> "02 Isegwi ghaldaqstant illi jenhtieg jigi stabbilit o meno jekk l-istruttura mertu tal-kawza hijiex pont sabiex jaghti access ghal fuq l-art li l-atturi qed jallegaw li taghhom jew gallerija skond il-verzjoni tal-konvenut. L-istruttura kif murija lill-esponent in situ u hekk kif tidher fuq dok MSC 01 sa MCS 05 fiha *railing* dawra mejt li jaghmilha difficli li wiehed jaqbez ghal fuq l-art li l-attur jghid li hi tieghu u ma tigix pont tant felici biex wiehed jaccedi. Ir-ritratt esebit a fol 60 immarkat MAF 4 juri li r-*railing* mhux dawra mejt u hekk l-access huwa liberu u huwa minnu li hawn si tratta minn speci ta' pont. It-tezi tal-konvenut Licari hi li r-*railing* kien dawra mejt meta l-istruttura giet installata, u meta sab li nqala r-*railing* ghamel ir-rapport relattiv lill-Pulizija esebit LB 220601. Il-fatt li sehhet u trangat il-hsara jikkonfermah fix-xhieda tieghu l-haddied John Camilleri.
>
> "03 Fir-rigward tal-konvenut John Farrugia mix-xhieda attrici ma jirrizultax li dan kellu x'jaqsam kemm mal-fond fejn saret il-fetha u lanqas ma' l-istruttura mertu tal-kawza. L-istess konvenut John Farrugia jixhed quddiem l-esponent u jikkonferma li ma kellux x'jaqsam ma' l-istruttura in kwistjoni. Ma tressqu l-ebda provi fil-konfront tal-konvenuti Rita Farrugia u Angiolina Attard.

"04 Dwar it-tieni talba attrici jinghad illi huwa possibbli li fizikament titnehha l-istruttura in kwistjoni jekk il-Qorti ssib li ghandha tordna l-istess tnehhija fis-sentenza taghha. Hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi dan ix-xoghol ma ghandux jiehu izjed minn gurnata sabiex isir.

"05 Dwar it-tielet talba attrici l-esponent ma jara xejn li jaghmilha teknikament impossibbli, li jekk fis-sentenza taghha l-Qorti tordna t-tnehhija ta' l-istruttura u l-konvenuti jew min minnhom jigi hekk ikkundannat jibqghu inadempjenti, dan ix-xoghol isir mill-atturi a spejjes tal-konvenuti jew min minnhom taht is-supervizjoni ta' Perit Arkitett innominat mill-Qorti.

"06 Dwar l-ewwel, it-tieni u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti jinghad illi dawn huma ta' natura legali u fic-cirkostanzi l-esponent ma jarax li jista' jitfa dawl tekniku fir-rigward.

"07 Dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti l-esponent umilment jaghmel referenza ghal dak li ntqal fil-konkluzjoni numru tlieta supra.

"08 Dwar ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti l-esponent jaghmel referenza ghat-tieni konkluzjoni tieghu supra."

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Fatti tal-kaz:***

"Illi r-rikorrenti qed jilmentaw li l-intimati jew min minnhom jew persuni nkarigati minnhom bnew pont tal-hadid minn tieqa taghhom ghal fuq ix-xaghri proprjeta` tar-rikorrenti b'mod abuziv u illegali u kkommettew spoll a tenur tal-ligi.

"***D2. Aspetti legali dwar l-ispoll:***

"Il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fid-19 ta' Jannar, 2009 (Citazz. Nru.: 687/06FS) fl-ismijiet **Anthony Schembri *et* vs Mario Fenech *et*** fejn intqal:

***“1. Elementi ta’ spoll***

“Fl-ispoll, tliet elementi huma necessarji:

“I. Pussess materjali – *Possedisse*

“II. L-att ta’ spoll jew molestja – *Spoliatum fuisse*

“III. L-azzjoni ssir fi zmien xahrejn – *infra bimestre deduxisse*.

“Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fis-6 ta’ Ottubru 2000, fl-ismijiet **Buttigieg Paul vs Buttigieg Raymond** intqal:

“Hu wkoll pacifiku illi element essenzjali biex l-azzjoni ta’ spoll privileggjat tkun tista’ tregi huwa l-pussess da parti tal-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta’ dak il-pussess vjolenti jew klandestin da parti ta’ l-ispojant u li l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv.”

“***2. Pussess ta’ l-oggett spoljat:***

“A. Pussess ta’ liema natura jkun:

“Fil-kawza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fis-27 ta’ Frar 1946, (Vol XXXII-II-238II) fl-ismijiet **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara** intqal:

“ma ghandux jitqies hlief il-pussess jew detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll ta’ l-ispoljatur”.

“Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet **Julie Mazzitelli *noe et* vs Charles Spiteri *et***, deciza fis-27 ta’ Frar 2003 wara li ikkwotat mis-sentenza tal-Prim’Awla (Imh. R. Pace) fejn kien intqal:

“Illi huwa ovvju li f’kawza ta’ din in-natura l-oneru tal-prova ta’ pussess taqa’ fuq l-istess atturi, li jridu jippruvaw tali fatt ta’ pussess…”

“qalet:

> “Huwa minnu li f’azzjoni possessorja l-indagini li trid taghmel il-Qorti ghandha tkun limitata ghall-fatt tal-pussess u ghall-fatt tal-ispoll u l-ebda indagini ohra ma hija permessa…”

“F’dan il-kuntest, ta’ min ighid, li l-attur irid jipprova li fil-mument ta’ l-ispoll, huwa kien fil-pussess ta’ l-oggett spoljat, izda tali pussess m’hemmx bzonn li jkun pussess b’titolu ta’ proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta’ mera tolleranza. (Ara **Joseph Vassallo Gatt *noe* vs Joseph Camilleri *proprio et noe* –** Appell Civili – 26 ta’ Jannar 1996, u **Annetto Xuereb Montebello *et* vs Paolin Magri *et* –** Appell Civili – 19 ta’ Gunju 1953).

“L-istess principju gie ribadit ukoll fis-sentenza ta’ l-Appell fl-ismijiet **Emanuel *sive* Leli Sammut vs John Sammut** tad-19 ta’ April 1999, fejn l-istess Qorti ta’ l-Appell sostniet:

> “L-attur kellu jipprova b’mod konklussiv li kellu “*un possesso di fatto*”, u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni.”

“Ghalhekk fl-Art 791 (a) tal-Kap 12 il-ligi u d-dottrina legali ma jippermettux f’kawza ta’ din ix-xorta hlief eccezzjonijiet dilatorji minhabba l-iskop tat-tutela tal-pussess u f’dan ir-rigward hija ferm differenti mill-azzjoni petitorja fejn il-fondament u l-iskop taghha huma r-rikonoxximent u t-tutela tad-dritt (**Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 22 ta’ Ottubru 1953).

“Il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien u mhux il-pussess *animo domini*, u l-konvenut f’kawza ta’ reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta’ pussess ta’ l-attur. Konsegwentement, ghal din l-azzjoni, il-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussess in *mala fede* (Ara **Maria Dolores Mifsud vs Michele Galea**, Appell Civili, 29 ta’ Marzu 1957). Fil-kaz odjern, l-atturi stabbilew li huma kellhom il-pussess ta’ l-art in kwistjoni.

“Illi l-Artikolu 792(3) tal-Kap 12, jiddisponi li:

> "Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll."

"Hekk fil-kawza fl-ismijiet, **Joseph Cilia *et* vs Loreto Camilleri *et*** Prim' Awla - 12 ta' Gunju 1998, inghad li:

> "Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dak li tistabilixxi
>
> "(a) il-fatt ta' pussess/ detenzjoni u
>
> "(b) il-fatt ta' spoll."

"Indagini limitatissima, rigoruza u skarna. L-artikolu 791 (3) tal-Kap 12 jiddisponi:

> "Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll."

"Fil-kawza **Mariano Farrugia *et noe* vs Peter Paul Cutajar** moghtija mill-Prim'Awla fit-23 ta' Ottubru 1998 gie affermat:

> "Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikazi ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss."
>
> (Ara wkoll **Margherita Fenech vs Pawlu Zammit,** Prim'Awla, 12 ta' April 1958; u **Francesco Busuttil vs Giocchino Scerri *proprio et noe*,** Prim'Awla, 14 ta' Marzu 1997).

"F'kawza ta' spoll '*de recenti*' jew privileggjat, m'ghandux jitqies hlief il-pussess jew id-detenzjoni ta' l-ispoljat u l-ispoll ta' l-ispoljatur – Ara **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara*,*** Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Frar 1946. Minhabba f'hekk

m'humiex permessi hlief eccezzjonijiet dilatorji f'kawzi ta' din ix-xorta, hekk kif provdut fl-artikolu 791(1) tal-Kap 12.

"B. Mera tolleranza:

"Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-16 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet **John Mary Schembri *et* vs Dominic Borg** intqal:

> "F'dan il-kuntest, ta' min jaghmel differenza bejn pussess u mera tolleranza, *stante* li mera tolleranza ma tissodisfax l-ewwel rekwizit bhala element ta' spoll."…

"C. Ko-possessuri:

"L-actio spolii hi wkoll konsentita bejn ko-possessuri (ara **G. Caruana vs A. Caruana**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1984) u addirittura kontra l-komplici ta' l-awtur ta' l-ispoll u l-mandanti li jkunu nkarigawh (**Vol XXVIII-I-188**; **Vol XXXII-I-451**).

"D. Ma jistax il-konvenut jeccepixxi l-legittimita` ta' l-att:

"Fil-kawza **Alfredo Delia vs Bonoventura Schembri *et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar 1958, intqal:

> "l-ispoljant ma jistghax jirrispondi '*in difesa*' li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita` jew le hija rizervata ghall-gudizzju petitorju".

"Ukoll fil-kawza **Vincenza Sammut *et* vs Salvatore Camilleri**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1952 intqal:

> "f'materja ta' spoll ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll ("*spoliatus ante omnia restituendus*").

“Jinghad ukoll li l-artikolu 535(1) tal-Kodici Civili jikkontempla azzjoni ta’ ordni pubblika bazata fuq l-ezigenzi ta’ utilita` socjali intiza ghall-protezzjoni ta’ kwalunkwe pussess u bl-iskop li hadd ma jiehu l-gustizzja b’idejn (ara **Fenech vs Zammit**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 12 ta’ April 1958).

“E. Protezzjoni ghal hwejjeg korporali u ghal drittijiet u hwejjeg inkorporali:

“Interessanti f’dan ir-rigward huwa dak li ntqal fil-kawza **Micallef vs Pace** fuq imsemmija meta l-ligi mbaghad issemmi l-pussess “*ta’ liema xorta jkun*” b’dan riedet tfisser li l-protezzjoni taghha kienet intiza mhux biss ghall-hwejjeg korporali, izda anke ghad-drittijiet u hwejjeg inkorporali peress li dawn ukoll huma suggettivi ta’ pussess, kif jista’ jidher mill-artikoli 310, 315 u 524 tal-Kodici Civili, fejn dawn jittrattaw dwar jeddijiet, *ad exemplum*, is-servitujiet. Ara fir-rigward decizjoni fl-ismijiet **Giuseppe Bugeja Bonnici vs Carmelo Grima**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-20 ta’ Frar 1948.

“Fil-kawza deciza fl-20 ta’ Frar 1948 fl-ismijiet **Giuseppe Bugeja Bonnici vs Carmelo Grima**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, Vol XXXIII-II-210) jinghad li d-dritt ta’ uzu ta’ art ghall-kacca jista’ jkun oggett ta’ spoll ghax dritt inkorporali huwa protett ukoll bir-reintegranda basta l-pussess ta’ l-art *in genere* jkun jezisti.

“Fil-kawza deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Francis Apap vs Michael Galea**, deciza fl-24 ta’ Marzu 1975, dwar id-dritt ta’ l-inxir inghad:

> “Ghandha tinqata’ in bazi tad-dispost ta’ l-artikolu 360 li jaghti lill-attur bhala l-proprjetarju tal-bitha, il-proprjeta` ta’ l-ispazju ta’ l-arja soprastanti. Per konsegwenza l-appellanti ma jistax, minghajr il-permess ta’ l-attur, a sigur ta’ dritt, li fic-cirkostanzi ghandu jigi affermat anke minhabba l-ezigenzi tal-buon vicinat, la jaghmel u jqieghed sporgenzi ta’ injam u wires ta’ inxir fuq dak l-ispazju appartenenti lill-attur, u, wisq anqas, idendel u jonxor hwejjeg jew oggetti ohra mit-twieqi”.

“***3. L-att ta’ spoll jew molestja:***

“It-tieni element li jrid jigi ippruvat fl-*actio spolii*, hu li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pusess taghhom – l-att ta’ spoll jew molestja – *Spoliatum fuisse*. Illi hawnhekk, hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta’ kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll – Ara **Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech *et***, Prim’ Awla, 26 ta’

Jannar 1957, u **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott,** Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955.

"a. *Animus spoliandi*:

"Fl-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-*animus spoliandi* ma jidholx. Illi l-Qorti, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenuti kellhomx l-intenzjoni li jispoljaw. Fil-kawza **Philip Grima vs Joseph Mifsud *noe et*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili 646/88 deciza fit-28 ta' Novembru, 2003 inghad li wiehed irid jara biss jekk oggettivament kienx hemm att spoljattiv (*spoliatum fuisse)*. Ghalhekk, huwa irrelevanti jekk kienx hemm *animus spoliandi.*

"Fil-kawza fuq imsemmija, **Micallef vs Pace**, insibu:

> "Il-konvenut ukoll jittrincera ruhu wara l-eccezzjoni li hu ma kellux l-"*animus spoliandi*". Issa hu minnu li f'bosta decizjonijiet tal-passat il-Qrati kienu jsegwu dak li kienu jghidu guristi u awturi francizi u taljani u kienu ghalhekk japplikaw l-fehmiet taghhom, kompriz ghalhekk l-ezami ta' l-element intenzjonali fl-ispoljatur.
>
> "Fiz-zmenijiet ricenti pero` din l-impostazzjoni dwar l-agir ta' l-ispoljatur giet imwarrba u meqjusa aljena ghall-ordinament guridiku taghna fuq il-materja tar-reintegranda.
>
> "Din l-interpretazzjoni espozittiva tal-ligi taghna rat it-tluq taghha mid-decizjoni fl-ismijiet "**Philip Grima vs Joseph Mifsud *et***", Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Ottubru 1990 per Imhallef G. Mifsud Bonnici. Tifsira segwita fi skorta ta' sentenzi ohra: "**Carlo Cardona *et* vs Francesco Tabone**", Appell Civili, 9 ta' Marzu 1992; "**P.L. Anthony Buhagiar vs Mikiel Farrugia**", Appell, 11 ta' Novembru 1997 u "**Perit Carmelo Bonanno vs John Bartolo**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998, fost bosta ohrajn."

"b. Vjolenza:

"Illi ghandu jigi rilevat li l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll kien arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta'

danni kontra min ikun ghamel dak l-att – Ara **Joseph Vella vs Salvu Micallef** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' April 1991.

"Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-2 ta' Dicembru, 1955 fil-kawza fl-ismijiet **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott** Vol. XXXIX-I-320 inghad:

> "Sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ma hemmx bzonn il-*'vis atrox'***,** cioe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid….."

"Ezempji ta' tali komportament da parte ta' l-ispoljatur ghandu certament l-iskop li jimpedixxi l-liberu ezercizzju tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet dimunizzjoni tal-pussess, jew hsara lil min isofri l-ispoll – Vol. XLI-II-1129.

"***<u>4. L-azzjoni trid issir fi zmien xaharejn:</u>***

"It-tielet element ghalhekk hu li l-azzjoni tkun giet proposta entro t-terminu ta' xahrejn mill-att spoljattiv – *infra bimestre deduxisse*. Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fis-7 ta' Frar, 1958 mill-Imhallef A Magri fl-ismijiet **Michael Mamo vs Philip Grima** XLII-II-915 insibu:

"Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gutnata tal-ispoll (art. 572 {illum 535} Kod. Civ.), u mhux mindu l-attur gie jaf bih...Iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza (Kollez. XXIV-I-276 **Sammut vs Pellegrini Petit**); u ghalhekk, bhala regaola, mhux suggett ghar-regoli tal-preskrizzjoni."

"Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Frar 1992 fl-ismijiet **Michelangelo Fenech *noe* vs Alfred Camilleri** inghad:

"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur."

"Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Victor Sultana vs Carmelo *sive* Charles Gafa`** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 1998."

"***D3. Principji legali applikati ghall-kaz de quo:***

"Jibda biex jinghad li fil-kors tal-kawza fir-rigward ta' l-intimat John Farrugia mix-xhieda rikorrenti ma jirrizultax li dan kellu x'jaqsam kemm mal-fond fejn saret il-fetha u lanqas mal-istruttura mertu tal-kawza. Meta dan xehed quddiem il-Perit Tekniku kkonferma li ma kellux x'jaqsam mal-istruttura in kwistjoni.

"Ma tressqu l-ebda provi fil-konfront ta' l-intimati Rita Farrugia u Angiolina Attard.

"Illi ghalhekk il-Qorti qed tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil John Farrugia, Rita Farrugia u Angiolina Attard.

"Illi ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk jirrizultawx l-elementi ta' spoll fil-konfront ta' l-intimat l-iehor li jifdal u cioe` John Licari. Irrizulta li saret struttura tal-hadid kif jidher fuq dokument a fol 60 tal-process. Fil-fehma tal-Qorti din l-istruttura hija pont u mhux gallarija, ghalkemm sfortunatament f'dan ir-rigward il-perit nominat ghalkemm irrelata dwar dan l-aspett seta' jkun aktar dettaljat. L-istess perit seta' wkoll jaghti aktar dettalji dwar fejn ezatt kien sar l-ispoll imsemmi fis-sentenza ta' l-Onor. Qorti ta' l-Appell ta' l-24 ta' Settembru, 2004, Appell Civili Numru 2139/1999 riferibbli ghal spoll kommess fl-1999. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell f'dak il-kaz cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata, liema sentenza tal-Prim'Awla kienet ikkonkludiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront ta' John Licari mentri l-konvenuti l-ohra kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"Irrizulta mix-xhieda li l-istruttura li fuqha hu bazat l-ispoll saret wara l-ahhar ta' Frar, 2007. Dan konfermat apparti mir-rikorrent, minn Carmelo Gauci, Rosario Cachia u Josephine Camilleri. Anke l-intimat Licari stess jammetti li l-istruttura saret dawk iz-zminijiet ghalkemm ivarja ftit fil-granet specifici.

"Dwar li l-kawza giet istitwita fi zmien xahrejn jinghad li din giet intavolata fit-13 ta' April, 2007. Issa mid-depozizzjonjiet tad-diversi xhieda jidher li l-istruttura saret min-nofs sal-ahhar ta' Frar, ghalkemm l-intimat Licari sostna li saret fil-bidu ta' Frar, 2007. John Camilleri l-haddied kien ukoll semma l-bidu ta' Frar u infatti hemm ricevuta tat-3 ta' Frar, 2007. Ir-rikorrenti tant kienu konvinti minn dak li qalu li kienu specifici dwar id-data u semmew li dan sar bejn is-17 u t-18 ta' Marzu, 2007. Ghalhekk il-Qorti thossha aktar konvinta mill-verzjoni li din saret min-nofs Frar 2007 'l quddiem.

"Ir-rikorrenti Michael u Angelo Fenech semmew li huma proprjetarji ta' l-art u li ilhom jahdmu fiha (u qabilhom missierhom u nannuhom) ghal dawn l-ahhar mitt (100) sena.

Rosario Casha xehed li meta kien ghadu zghir kin ta' spiss imur jirgha n-naghag hdejn l-ahwa Fenech fl-eghlieqi taghhom. Carmelo Gauci kien joqghod biswit l-art tar-rikorrenti u kien ihallas ic-cens lilhom. Illi ghalhekk il-pussess ta' l-art mir-rikorrenti huwa manifest.

"Dan iwassal ghall-prova li l-ispoll effettivament sar mill-intimat John Licari.

"**E. KONKLUZJONIJIET:**

"Ghall-motivi fuq imsemmija tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.

"Tilqa' t-tielet eccezzjoni dwar il-konjugi Farrugia u kif issemma fuq gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"Tichad ir-raba' eccezzjoni li l-istruttura tal-hadid hija gallarija u mhux pont.

"Tichad il-hames eccezzjoni dwar li hemm kawzi petitorji pendenti ghax dawn ma jaffettwawx il-mertu ta' l-ispoll.

"Tiddikjara li l-azzjonijiet li saru mill-intimat John Licari u/jew minn persuni nkarigati minnu, bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2007, sabiex bnew il-pont tal-hadid, ghal fuq ix-xaghri proprjeta` tar-rikorrenti, huwa abbuziv u llegali, u jikkostitwixxi spoll a tenur tal-ligi.

"Tikkundanna lill-intimat John Licari biex fi zmien xahar jerga' jqieghed kollox fl-istat pristin.

"Tiddikjara li difett li jsir dan, tawtorizza lir-rikorrenti biex jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali nkluz sabiex inehhu l-pont tal-hadid li jinsab jaqsam il-bitha proprjeta` ta' John Farrugia, u li l-intimat John Licari gie kkundannat ipoggi lura taht is-supervizjoni ta' l-istess Perit imqabbad mill-Qorti a spejjez ta' John Licari, u dan *ai termini* tal-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara rikors appozitu.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat John Licari, hlief dawk relativi ghal Angiolina Attard, John u Rita konjugi Farrugia li huma a karigu tar-rikorrenti."

## Rikors tal-appell tal-konvenut Licari:

Il-konvenut Licari hassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tieghu in succint huma tnejn, u cioe illi "(huwa*) ipprova illi l-istruttura* (in kwistjoni) *hija gallarija li taghti ghal fuq art li fuqha had mill-appellati ma jivvanta ebda tip ta' dritt"* u illi ma jezistux fil-kaz in ezami, tnejn mit-tlett rekwiziti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma l-fatt innifsu ta' jekk sarx spoll u l-fatt li skont l-appellant il-kawza giet intavolata aktar minn xahrejn wara li sehh l-allegat spoll.

**<u>Risposta tal-appell tal- atturi:</u>**

L-atturi wiegbu biex jghidu li s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

**<u>Dwar l-ewwel aggravju:</u>**

Kif gia` issemma' l-appellant qed jilmenta li l-istruttura li dwarha saret il-kawza mhijiex pont ghal fuq l-art posseduta mill-appellati izda gallarija. Jaghmel

riferenza ghar-rapport peritali li kkonkluda li hija gallarija u li l-istess perit tekniku sab diffikulta` biex jaccedi ghaliha u minnha.

Il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku huma msemmija fis-sentenza appellata u allura ma hemmx lok li jigu ripetuti. Fil-fehma tal-Qorti l-aktar haga importanti fir-relazzjoni tieghu hija li kkonkluda li l-istruttura ma kienitx hemm qabel bdiet din il-vertenza (fol 239); il-perit irrelata wkoll li l-istruttura fiha *railing* li taghmilha difficli li wiehed jaqbez fuq l-art li l-attur jirreklama bhala tieghu u *ma tigix pont felici biex wiehed jaccedi*. Ghalhekk ma qalx espressament li kienet gallarija ghalkemm forsi l kliem uzat juri li ma jaqbilx li l-istruttura hija pont.

Huwa minnu li kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza deciza fit-23 ta' Gunju 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghitja b' talba ta' nomina ta' periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 minn din il-Qorti u aktar ricentement il-

Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014.

Madankollu ma jistax jinghad li l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku fuq indikati, b'xi mod iwasslu lill-Qorti ghall-konvinzjoni assoluta li l-istruttura in kwistjoni kienet intenzjonata biex isservi ta' gallarija; anzi mir-ritratti esebiti fil-process huwa evidenti li saret biex isservi ta' passagg minn fuq il-propjeta` tal-appellant ghal fuq il-propjeta` palezament kontiza bejn il-kontendenti. Anke l-istorja li wasslet ghall-vertenza odjerna hija indikattiva tal-fatt li l-appellant, wara li gie ordnat mill-Qorti fi proceduri precedenti biex jaghlaq bieb li kien fetah fl-1999 ghall-istess skop, ittanta 'jghaddi mit-tieqa' kif sewwa qal id-difensur tal-appellat fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. A fol. 155, il-perit Borg Grech li huwa l-perit ta' fiducja tal-attur xehed li l-appellat kien ammetta mieghu li l-istruttura ghamilha biex ikun hemm access ahjar ghall-art imsemmija u din id-deposizzjoni ma gietx michuda. Din il-Qorti hija konvinta li l-ewwel Qorti kienet gusta u korretta meta waslet ghall-konkluzjoni taghha fir-rigward. Ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

**<u>Dwar it-tieni aggravju:</u>**

L-appellanti qed ihossu aggravat dwar l-interpretazzjoni tal-fatti tal-kawza fis-

sentenza appellata. Huwa jsostni illi l-appellati ma kellhomx il-pussess rikjest minn azzjoni ta' spoll u li l-azzjoni giet istitwita aktar minn xahrejn wara li sehh l-allegat spoll.

Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

1. il-pussess – **possidesse**;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta` tal-attur – **spoliatum fuisse** u

3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll – **infra bimestre deduxisse.**

Ma hemmx dubbju li l-azzjoni ta' spoll hija intiza bhala salvagwardja tal-ordni pubbliku biex hadd ma jiehu l-ligi b'idejh anke jekk ikollu d-dritt ta' propjeta` tal-oggett in kwistjoni. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Delia v. Schembri** (Prim' Awla - 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi;

> "*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun .. li tigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata .. jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti*".

Fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolenti huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta` dello spogliato*". (**Vol III Sez. 52**).

Wiehed ukoll isib fil-kawza **Margherita Fenech v. Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April 1958;

> "*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*"

Kif ukoll gie ritenut;

> "*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi francizi u taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" – Appell Civili – **Cardona v. Tabone** – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Dwar l-aggravju li l-appellat ma kellux pussess, ftit hemm wiehed x'jghid u huwa evidenti li l-appellant qed jibbaza t-tezi tieghu fuq l-aggravju precedenti u cioe` li kull ma ghamel hu kien li ikkostruwixxa gallarija. Dan mhux minnu u l-Qorti konvinta kif gia` inghad li l-appellant ghamel il-kostruzzjoni in kwistjoni

biex ikollu access ghall-art in kwistjoni. Madankollu anke kieku kien il-kaz li ghamel gallarija, il-fatt li minnha jista’ evidentement jittawwal ghal fuq l-istess art ukoll tkun tfisser tfixkil ta’ pussess.

L-abbli difensur tal-appellant argumenta illi l-fatt li hemm ghaddejja azzjoni rivendikatorja istitiwita mill-appellati hija indikazzjoni illi huma ma ghandhomx il-pussess rikjest ghaliex dik l-azzjoni tipprovdi appuntu talba biex l-oggett mittiehed jigi ritornat lis-sid. Madankollu qabel xejn ghalkemm hemm riferenza ghal dik il-kawza fid-deposizzjonijiet tal-partijiet, ma hemm ebda prova dokumentarja li tindika dan u ‘*quod non est in actis non est in mundo’*. Barra minn hekk huwa evidenti li l-art in kwistjoni hija kontiza bejn il-partijiet u allura bl-istess argument jista’ jkun hemm ko pussess li wkoll jaghti lok ghal din il-kawza possessorja. (Ara per ezempju s-sentenzi fl-ismijiet **Emanuel Bajada et v. John Bajada et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ April 2008, **Abela v. Bonavia** (Prim’ Awla 25 ta’ Gunju 2009) u **Alfred Pisani nomine v. Victor Farrugia** deciza mill-Prim’ Awla fil-21 ta’ Jannar 1994 fejn intqal li *l-azzjoni ta’ spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*)

Kwindi fir-rigward tal-pussess, l-aggravju huwa michud.

Tibqa’ allura l-kwistjoni ta’ jekk l-azzjoni gietx intavolata entro t-terminu ta’ xahrejn impost mill-Artikolu 534 tal-Kodici Civili. L-appellant jinsisti li x-xoghol

in kwistjoni sar fil-bidu ta’ Frar 2007 u peress li l-kawza giet istiwita fit-13 ta’ April 2007, allura saret aktar minn xahrejn wara.

Wiehed jista’ jzid ukoll li tant dan huwa element essenzjali ghall-azzjoni illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Trevor Arendts v. Veronique Mizzi** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Jannar 2013, trattandosi appuntu ta’ element kostituttiv tal-azzjoni ta’ spoll, dan il-fatt u cioe` li l-azzjoni giet intavolata entro l-perjodu imsemmi, **ghandu jigi ukoll pruvat mill-attur.**

Forsi aktar specifikatament f’**Georgina Borg v. Errol Cassar et** (21.10.2002) – citata fis-sentenza msemmija – il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili dwar it-terminu ta’ xahrejn f’azzjoni ta’ spoll qalet hekk:

> “*it-terminu ta’ xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta’ din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f’kull każ ta’ din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estintiv ta’ xahrejn.*”

L-ewwel Qorti wara li ezaminat il-provi kienet konvinta li l-atturi kienu qed jghidu l-verita` meta qalu sa mill-bidu tal-proceduri illi l-azzjoni spoljattiva sehhet bejn is-16 u s-17 ta’ Marzu 2007 u dan nonostante li l-konvenut esebixxa ricevuta fiskali tal-haddiem li ghamel ix-xoghol, John Camilleri, li tindika d-data tal-5 ta’ Frar 2007. Din il-Qorti l-ewwelnett tirribadixxi li

normalment ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta’ Ottubru 2002 il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara.*

Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta’ Jannar 1995) qalet li “*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti.”* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta’ Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li “*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta’ revizjoni li fejn si tratta ta’ apprezzament u evalwazzjoni ta’ provi ta’ fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*”.

Madankollu “*Din il-Qorti pero` f’kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta’ kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta’ Mejju 2014).

Wara d-dovut ezami tal-provi, din il-Qorti jidrilha li ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti u taqbel mal-verzjoni aktar verosimili li din ir-ricevuta fiskali giet prodotta bhala tentattiv estrem tal-appellant biex isalva l-posizzjoni tieghu. Importanti wiehed jikkonstata illi din ir-ricevuta giet esebita fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 meta xehed l-imsemmi John Camilleri u mhux qabel – jekk mhux mar-risposta guramentata, ghall-inqas meta xehed l-appellant l-ewwel darba – ghaliex kieku l-verzjoni tieghu kienet veritjiera, dik ir ricevuta suppost li kienet ilha ghandu appuntu minn Frar 2007. L-atturi appellati kienu konsistenti fil-versjoni taghhom u mill-bidu tal-kawza – anzi minn qabel u cioe` mill-ispedizzjoni tal-ittra gudizzjarja lill-appellant fil-21 ta' Marzu 2007, illi l-azzjoni spoljattiva saret appuntu ftit granet qabel u cioe` bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2007. Tenut kont tal-fatt li l-appellati jghixu fl-inhawi in kwistjoni ma hemmx dubbju li x-xoghol ma setax sar minghajr ma huma jindunaw bih kwazi mill-ewwel. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

Finalment il-Qorti taqbel li tenut kont tal-fatt li l-appellant ipprova permezz ta' l-azzjoni spoljattiva tieghu irendi ineffikaci sentenza ohra ta' din il-Qorti u anke rega' appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti, u billi tqis li dan l-appell huwa fieragh, huwa ghandu jigi penalizzat u se tordnalu hlas lir-Registratur tal-Qorti, ghalkemm mhux se tordna d *doppie spese* kif qed jitob l-appellat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell tal-konvenut Licari u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata b’dan illi t-terminu impost mill-ewwel Qorti biex isiru x-xoghlijiet jibda jghaddi mil-lum; l-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut appellant li ghandu wkoll ihallas is-somma ta’ tmien mitt euro (€800) lir-Registratur tal-Qorti a tenur tal-paragrafu 10 (1) tat-Tariffa A (Skeda A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------